**9 ta' April, 1960**

**Imħallef:—**

**Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Dominic Mintoff, B.Sc., B.E. & A., M.A. (Oxon), A. & C.E.

**Traffiku — Ubbidjenza għall-Ordnijiet tal-Pulizija.**

*Ordni tal-Pulizija għar-regolament tat-traffiku hu pjenament ta' kompetenza tal-Pulizija; u biex l-ordni jkun regolari, hi biżżejjed l-intima verbali. U ladarba l-ordni tal-Pulizija jkun ta' kompetenza tagħha u regolari fil-forma, għandu jiġi obdut, salvi rimedji oħra.*

*Kwantu għall-leġittimità tal-ordni, kien ikun perikolu kbir għall-bwon ordni fis-soċjetà kieku l-ubbidjenza għall-ordnijiet tal-Pulizija kellha tiġi subordinata għal dik li tissejjaħ 'verità opinativa", ċjoè għall-kriterju personali u mutabbli tal-persuna nteressata, li jista' jkun anki kriterju preġudikat bi preokkupazzjonijiet personali, u mhux ispirati għall-kriterju superjuri tal-publika sikurezza. Hu loġiku li l-Pulizija teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skond id-diversità taċ-ċirkustanzi u tal-każijiet, u din id-diskrezzjoni mhix sindakabbli mill-Qrati.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra Dominic Mintoff, B.Sc., B.E. & A., M.A. (Oxon), A. & C.E., talli l-Ħamrun, fil-25 ta' Frar 1960, mill-10.25 p.m. sal-11.45 p.m., ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, billi pparkja l-karrozza tiegħu numru 11491 preċiżament barra l-entrata prinċipali tar-Radio City Opera House, fit-Triq San Ġużepp Triq Irjali, kontra l-ordnijiet lilu mogħtija sabiex jiġu evitati ngombri u biex jirregolaw it-traffiku tal-vetturi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Marzu 1960, li biha sabitu ħati skond l-imputazzjoni u kkundannatu għall-piena ta' lira (£1) ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-argument tad-difiża hu, sostanzjalment, dak li l-ordni tal-Pulizija ma kienx leġittimu, anzi kien arbitrarju;

Ma jistax ikun hemm dubju, l-ewwelnett, li ordni simili hu pjenament ta' kompetenza tal-Pulizija. Infatti, dak l-ordni hu kopert bil-poteri ġenerali tal-Pulizija fis-sens rilevat fit-test "Police Law" ta' Moriarty, 9th edition, page 216, fejn dan l-awtur jgħid hekk:— "The Police in the pursuance of their duty to maintain order have a general power to regulate traffic, so that every person may freely pass and repass on the highway";

Minbarra hekk, hemm ir-regolament speċifiku tat-Traffic Regulations No. 100, hekk konċepit"; "Every person driving or having charge of a motor vehicle shall at all times immediately comply with any order given by the Police for the purposes of regulating traffic";

L-appellant kien qiegħed isuq hu stess, u għalhekk kien "in charge" tal-karrozza, u konsegwentement din id-dispożizzjoni kienet applikabbli għalieh. Għandu jiġi notat illi fiha ma jingħadx biss "shall at all times comply", imma "shall at all times 'immediately' comply". Din il-kelma tak-kwista mportanza "in subjecta materia", speċjalment in vista tal-motiv tal-appell; għaliex biha l-leġislatur donnu ried jgħid illi l-persuna li tkun qegħdha ssuq jew "in charge" tal-karrozza għandha tobdi l-ordni tal-Pulizija bla kwistjoni ta' xejn. Dak jidher li hu s-sens tal-kelma "immediately" fil-kontest tar-regolament ċitat;

Hemm anki, dejjem fuq dan l-ewwel punt tal-kompetenza tal-Pulizija, id-dispożizzjonijiet tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13, ċitati fis-sentenza appellata;

Fit-tieni lok lanqas jista' jkun hemm dubju li l-ordni kien regolari fil-forma, għax biżżejjed, f'każ simili, l-intima verbali;

Il-"punctum saliens" sollevat mid-difiża jirraġġira ruħu dwar il-legalità, ossija aħjar il-leġittimità, tal-ordni;

Dottor Buttiġieġ, difensur tal-appellant, argumenta, sostanzjalment, b'dan il-mod. Għal żmien twil, sija meta l-appellant kien Prim Ministru ta' Malta, sija wara li ma baqgħax f'din il-kariga, fil-laqgħat, ċerimonji, konferenzi u meetings organizzati mil-Labour Party, ma nqgħalet qatt ebda diffikulta' dwar fejn hu jipparkja l-karrozza tiegħu. Qal ukoll, id-difenspr, illi soltu jiġi permess lill-"guest of honour" f'dawn l-okkażjonijiet li jipparkja l-car quddiem il-post fejn tqun qegħdha ssir il-laqgħa jew ċerimonja oħra;

Żied jgħid illi l-Pulizija ma kellha ebda raġunijiet speċjali, f'dan il-każ, biex tiddipartixxi minn dan l-użu; b'riferenza partikulari għal din l-okkażjoni ma kellha ebda motiv biex taħseb li seta' jkun hemm xi possibbiltà ta' xi storbju li seta' jiġġustifika li dik il-parti tat-triq tibqa' żgombra minn karrozzi;

Dan il-motiv tal-appell jirrikjama l-kwistjoni kbira dibattuta fid-dottrina u fil-ġurisprudenza in konnessjoni ma' argument simili;

Din il-Qorti tagħmel dawn ir-riflessjonijiet:—

1. Illi kien ikun perikolu kbir għall-bwon ordni fis-soċjetà kieku l-ubbidjenza għall-ordnijiet tal-Pulizija kellha tiġi subordinata għal dik li tissejjaħ "verità opinativa", ċjoè għall-kriterju personali u mutabbli tal-persuna nteressata, li jista' jkun anki kriterju preġudikat bi preokkupazzjonijiet personali, u mhux ispirati għall-kriterju superjuri tal-publika sikurezza;

2. Kien għalhekk illi l-Qrati Tagħna (ara App. Krim. "Ispettore Paolo Mamo vs. Formosa ne.", 30. X. 1908, sedenti l-President Sir Giuseppe Carbone, u App. Krim. "Pul. vs. Carmelo Bonello", 7. 2. 1942, sedenti l-Imħallef mbgħad President Sir Luigi Camilleri), affermaw il-prinċipju li, jekk l-ordni tal-Pulizija jkun ta' kompetenza tagħha u regolari fil-forma, għandu jiġi obdut, salvi rimedji oħra;

3. Din il-Qorti ma tħossx li dan huwa każ li fih jista' jingħad li l-ordni kien notorjament u manifestament inġust u oppressiv (ara Carrara, Prog. Parte Spec. Vol. V, para. 2774). Jirriżulta u hu loġiku li l-Pulizija teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skond id-diversità taċ-ċirkustanzi u tal-każijiet. Dik id-diskrezzjoni li tissejjaħ "executive discretion", kif ġie ritenut kemm il-darba, sija mill-Qrati ta' Malta kemm ukoll mill-Qrati Ngliżi, fejn il-kwistjoni ġiet ferm dibattuta, ma hix "subject to judicial control"; u kif esprimiet ruħha din il-Qorti (App. Krim. "La Polizia vs. Gpe. Fava", 11.6.1900, sedenti l-istess President Sir Giuseppe Carbone"), "un tale esame stravarcherebbe le attribuzioni della Corte". Hu intuwittiv illi, kieku l-Qorti kellha tindaħal fl-eżerċizzju ta' diskrezzjoni simili, allura kienet tkun qegħdha tinvadi t-terren tal-Poter Eżekuttiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma tħossx li tista' taċċetta l-argument tad-difiża li l-ordni ma kienx leġittimu; u konsegwentement tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.